MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Numru 178/2005

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Paul Cutajar ta’ 44 sena bin Carmelo u Manwela nee Attard imwieled Ħal-Luqa fil-5 ta’ Frar 1961 u li joqgħod Plot 11 Triq Dun Ġużepp Micallef, Luqa, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 173561(M)

Joseph Cassar ta’ 45 sena bin Emanuel u Joan nee Debattista mwieled f’Ġal-Qormi fil-21 ta’ Ġunju, 1959 u li joqgħod 55 Mon Reve Triq l-Aħwa Zammit, Qormi detntur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 420959 (M)

Anthony Zammit ta’ 43 sena bin Joseph u Pawla nee Fenech imwieled fil-Pieta’ fis-6 ta’ Mejju 1961 u li joqgħod ‘Tonlil’ Triq Sant’Antnin, Fgura, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 320761 (M).

Akkużat talli f'April 2003 u fix-xhur ta' qabel, fil-Mosta, bħala membri fil-kumitat tal-Koperattiva Indafa Pubblika (KIP) ikkorrempew lil Joseph Borg impjegat mal-Kunsill Lokali tal-Mosta billi in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu wegħduh u / jew offrewlu xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd u dan sabiex jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel[1]

Fl-istess żmien u ċirkostanzi rrendew ruħhom kompliċi meta Joseph Borg, sew jekk kellu sew jekk ma kellux jedd, esiġa flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taħt il-libsa tal-kariga tiegħu esiġa dak li liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skond il-Liġi[2].

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tliet imputati, jiġifieri ta' Paul Cutajar li għandu n-numru 1735 tas-sena 1961;  ta' Joseph Cassar li għandu numru 4209 tas-sena 1959 u ta' Anthony Zammit li għandu n-numru 3207 tas-sena 1961;  il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji;  il-kunsens tat-tliet imputati biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji u r-risposta tagħhom li ma kienux ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom kif jidhru a fol 18, 19 u 20;  id-dokument CM2, ittra mill-Kunsill Lokali tal-Mosta li magħha hemm dokumenti mibgħutin mill-Kunsill Lokali tal-Mosta li jibqgħu sejrin sa fol 40 minn fol 25;  l-istqarrija ta' Paul Cutajar a fol 41 et;  l-istqarrija ta' Joseph Cassar a fol 45 et;  u dik ta' Anthony Zammit a fol 49 et;  il-fedina penali ta' Paul Cutajar, ta' Joseph Cassar u ta' Anthony Zammit;  id-dokument mmarkat CM9 li fih id-default notices li ħarġu mill-Mosta Local Council numri 001 sa 260 fil-perjodu 24 ta' Marzu 2003 sas-26 ta' Lulju 2003;  minn 261 sa 279 re door to door collection u l-perjodu tal-kuntratt kien bejn l-4 ta' Lulju 2003 u 9 ta' Ġunju 2003 u dan kollu qiegħed a fol 60;  iktar dokumenti illi jidhru minn fol 82 sa fol 87;  iċ-ċertifikat tar-

[1] 115(b); 120(1) tal-Kap 9
[2] 112 u 42 (d)(e) tal-Kap 9.

reġistrazzjoni tal-Bord tal-Koperattivi li jidher a fol 92 u huwa mmarkat bħala Dok NZ u d-differiment tat-3 ta' Ottubru 2007 li fih din il-kawża kienet differita għas-sentenza għat-30 ta' Jannar 2008.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Mix-xhieda ta' l-ispettur Carmelo Magri rriżulta illi f'Lulju tas-sena 2003 kien rċeva korrispondenza mill-Kunsill Lokali tal-Mosta fejn f'din il-korrispondenza kienu saru allegazzjonijiet mill-istess Sindku li dak iż-żmien kien Joseph Demartino u Segretarju tiegħu Alfons Anastasi li kienu avviċinati mill-imputati u xi membri oħra tal-kumitat tal-KIP diversi drabi fejn dawn kienu bdew jilmentaw għaliex il-kumpanija tagħhom kienet qed tirċevi diversi default notices (fol 21).

Dawn id-default notices kellhom x'jaqsmu ma żewġ kuntratti li l-kumpanija ma kinitx qed tagħmel xogħol tajjeb fil-ġbir taż-żibel minn bieb għal bieb u l-istreet cleaning jiġifieri t-tindif tat-toroq.

Id-default notices kienu qed joħorġu mill-uffiċjal inkarigat mis-superviżjoni ta' dan ix-xogħol imħallas mill-Kunsill Lokali, is-Sur Joe Borg. Dawn kienu lmentaw mas-sindku li d-default notices bdew joħorġu bl-addoċċ minn dan Joe Borg għax huma qabel ma bdew joħorġu dawn id-default notices kienu qed iħallsu xi flus lil dan Joe Borg biex jagħlaq għajn waħda ħalli jħalliehom jaħdmu. Minn mindu ma baqgħux iħallsuh, hu beda joħorġilhom id-default notices bl-addoċċ.

L-ispettur bagħat għat-tliet persuni u ħadilhom l-istqarrijiet tagħhom. Skond l-ispettur kemm Paul Cutajar kif wkoll Joseph Cassar kienu ammettew li kienu għaddew huma personali xi flus jew kienu preżenti filwaqt li Anthony Zammit kien ċaħad dan kollu (fol 22). Wara li kien għadda

ċertu żmien, Anthony Zammit kien qisu ammetta li kienu qed isiru dawn l-affarijiet . U kompla jgħid a fol:

*Fil-fatt meta tkellimt l-aħħar magħhom, il-bieraħ stess, l-imputati qaluli li din kienet issir regolari, kienu jħallsu din il-miżata fix-xahar biex Joe Borg ma joħroġilhomx dawn id-default notices.*

Meta kien mistoqsi jekk kienux ttieħdu xi proċeduri kontra Joe Borg, l-ispettur wieġeb li le għal issa għadhom ma ttieħdux. Pero' qal li kif ilesti jiġi għalih u għal persuni oħra jekk jirriżulta li jkun hemm persuni oħra (fol 23).

Hawn hekk ix-xhud ppreżenta id-dokumentazzjoni kollha li kienu għaddew lill-Kunsill Lokali tal-Mosta kif wkoll l-istqarrijiet ta' l-imputati. Huwa esebixxa wkoll kopja tad-default notices kollha li kienu inħarġu mill-Kunsill Lokali lill-Koperattiva Indafa Pubblika wara li allegatament ma baqgħux jitħallsu l-miżati lil dan Joseph Borg. Dawn kienu numerati minn 001 sa 264 default notices li għandhom x'jaqsmu mal-kuntratt tat-tindif tat-toroq u dan ikopri l-perjodu 24 ta' Marzu 2003 sas-26 ta' Lulju 2003 u imbgħad id-default notices 261 sa 297 huma dawk li nħarġu fuq id-door to door collection contract u li jkopru il-perjodu 4 ta' April 2003 sad-9 ta' Ġunju 2003. B'kollox fi żmien tliet xhur inħarġu 297 default notices. Fost dawn id-dokumenti, hemm waħda miktuba minn dak li kien is-Sindku Joseph Demartino lill-Onor Ministru Tonio Borg fl-20 ta' Mejju 2003 dwar l-allegazzjonijiet li kienu saru mir-rappreżentanti tal-KIP u din tinsab a fol 27; ittra oħra mibgħuta lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali a fol 27; ittra mibgħuta mill-KIP lis-Sindku Lokali li ġġib id-data 3 ta' Ġunju 2003 a fol 29; ittra mibgħuta minn dak li kien Sindku dak iż-żmien, is-Sur Joseph Demartino lid-Direttur, Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, kollha dwar dan il-każ u li jagħmlu referenza għal-laqgħat li saru mar-rappreżentanti ta' l-istess koperattiva fosthom is-Sur Paul Cutajar kif wkoll is-Sur Tony Zammit, kif wkoll ir-reazzjoni li kien għamel is-Sur Joe Borg dwar l-allegazzjonijiet li hu kien qal 'dawk mhux ta' min jagħti kashom u jemminhom' (fol 35); ittra oħra mibgħuta mill-Projects Coordinator tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern lil dak li kien is-Sindku is-

Sur Joseph Demartino illi fih kien mgħarraf illi l-ittra intbgħatet lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Stqarrija ta' Paul Cutajar a fol 41

F'din l-istqarrija Paul Cutajar kien qal li kellem lis-Sindku is-Sur Demartino fil-presenza ta' Joseph Cassar u Anthony Zammit u l-avukat Ruth Scott. Huma kienu qalu illi kienu qed joħorġu ħafna default notices bl-addoċċ. Huwa semma illi darba kien ta lil Joseph Borg LM50 (fol 42) u li miegħu kien hemm ċertu Joseph Cassar u Joseph Debono. Il-ħlas kien sar sabiex Joseph Borg jieħu ħsieb il-ħaddiema tagħhom flok Joseph Debono u jħallina kwieti. Id-default notices li kien għamel dan Joe Borg il-Kunsill tal-Mosta kien qatgħalhom xi Lm1100 f'xahar wieħed biss. Allura ħallsuħ Lm50 biex iħalliehom bi kwiethom.

Dwar il-kwistjoni l-oħra li kellha x'taqsam ma l-isweeper, dan l-imputat qal illi dik kienet tinġab mingħand ħaddieħor u huma kienu jħallsu LM80 fix-xahar għal hekk. Joseph Borg kien rraporta lill-Kunsill tal-Mosta li l-sweeper ma kinitx qed tintbgħat meta fil-fatt huma kienu qegħdin jibgħatuha. Huwa baqa' jinsisti illi x-xogħol bl-sweeper dejjem sar u dejjem ħallsu lil wieħed jismu Daniel minn San Gwann. Huwa baqa' jinsisti illi darba minnhom saħansitra mar is-sindku magħhom u ra b'għajnejh li x-xogħol kien qed isir sewwa u mhux kif kien qed jgħid Joseph Borg. Dwar il-Lm50 fix-xahar, huwa qal illi kien ċert li tagħhom lil Joseph Borg għax kien il-Mosta ħdejn il-polyclinic. Dawn tahomlu quddiem Joseph Debono u Joseph Cassar. Huwa kien jaf li Joe Borg huwa uffiċjal pubbliku u imħallas mill-kunsill. Il-flus kien tahomlu biex jieħu ħsieb il-ħaddiema u ma jirrapurtahomx. U kull darba jibgħat id-default notices. Huma kienu marru għand il-kunsill u qalulhom illi ma setgħux jibqgħu jaħdmu mieghu. Fil-fatt huma waqqfu t-tender għax bdew jitilfu ħafna flus.

Stqarrija ta' Joseph Cassar

Din ttieħdet fid-9 ta' Settembru 2003. Dan qal li meta spiċċa ċertu John Micallef bħala manager bdew jirċevu ħafna default notices u bdew jinqatgħulhom ħafna flus.

Tant li darba minnhom qatgħulhom LM1100 f'xahar. Huwa kien mar ma żewġ persuni oħra għand il-kunsill u riedu r-raġuni għala kienu inqatgħu dawn il-flus. Huwa qal illi qatt ma kien ħallas xi flus lil Joe Borg (fol 46). Dwar l-sweeper u l-kwistjoni fuqu, huwa qal illi għal dan kienu jħallsu l-figura ta' Lm180 fix-xahar lil wieħed jismu Daniel minn San Gwann. Huwa kompla jgħid li Joe Borg kien imqabbad ma dan Daniel u kien rrapurtah lill-kunsill li ma ġiex jiknes meta fil-fatt kien imur filgħodu kmieni. Kienu ma kienx jiġi ma kienux ser iħallsuh ta' xejn. A fol 47, dan l-imputat qal li huma kienu marru jkellmu lil Joe Borg u kważi kienu ftehmu biex jgħaddulu LM100 fix-xahar 'sabiex jagħlaq naqra għajnejh. Biss spiċċa s-Sur Micallef u waqaf kollox u baqgħu jaħdmu 4 xhur sħaħ bit-terturi u bid-default notices.' Huwa qatt ma kien ra lil John Micallef jgħaddi xi flus lil Joe Borg. Huwa kien jaf illi Joe Borg huwa uffiċjal pubbliku mħallas mill-kunsill u dwar il-flus li kienu tawh, huwa qal li dan kien sar biex forsi jagħlaq għajnejh u ma jtellfilhomx it-tender għax ried itellifulhom b'saħħa (fol 48).

Stqarrija ta' Anthony Zammit

Din ttieħdet fl-10 ta' Settembru 2003. A fol 50 huwa caħad li qal xi kliem li l-KIP kienet għaddiet xi flus lil Joseph Borg sabiex jiffavorixxi l-abburat tal-KIP. Ċaħad ukoll dwar l-għoti ta' LM100 fix-xahar lis-Sur Joe Borg.

Mistoqsi jekk hux veru li s-sindku kien qallu li Joe Borg beda jibgħatilhom id-default notices għax ma baqgħux iħallsuh bħal qabel, it-tweġiba ta' dan l-imputat kient 'Lanqas.' Huwa baqa' jinsisti li fl-ebda ħin ma kien qal lis-sindku li kienu qed jirċevu default notices għax ma baqgħux iħallsu lil Joe Borg. Huwa nnega li kien ħallas xi flus lil Joe Borg. Fil-presenza tiegħu, ħadd ma kien ħallas lil Joe Borg. Huwa ma kienx jaf li John Micallef għadda xi flus lil Joe Borg. Meta intwera ċertu cheques, huwa qal li kienu ffirmawhom Paul Cutajar u Joseph Cassar pero qal li n-nies li tħallsu huwa ma kienx jafhom. Forsi kien jafhom bil-laqam. Dwar il-kwistjoni fuq l-sweeper, huwa qal li s-sindku kien qalilhom li l-sweeper ma kintix qed tidher. Huwa beda jgħid li dawk il-ħlasijiet tant kienu żgħar li

kienu ta’ xi kolletturi jew xi kenniesa. Kemm kien ilu fil-kumitat tal-KIP ma jidhirlux li kien hemm xi sweeper taħdem fil-Mosta. Huwa baqa’ jinsisti li qatt ma ta flus lil Joe Borg u lanqas qatt ra lil min jagħtih.

Xhieda ta’ Joe Demartino, s-Sindku tal-Mosta fiż-żmien in kwistjoni. Huwa qal li kien qed jara ittra tas-Segretarju tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, is-Sur Alfons Anastasi u qed jibgħata lill-ispettur Carmelo Magri (fol 65). Kien hemm ittra li kien bagħat lill-Ministru Tonio Borg bħala Ministru tal-Ġustizzja u Intern u ittra wkoll li kien bagħat lid-direttur tal-Kunsilli Lokali. Huwa kien bagħat waħda lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali u waħda lill-Ministru. Huwa qal li kien mar ikellmu is-Sur Norman Bezzina li qallu li kien qed jgħin lill-Koperativa (fol 66). Is-Sur Norman Bezzina kien ikellmu fuq xi default notices li kien ħareġ il-kunsill u xi ġranet wara kien ġie is-Sur Pawlu Cutajar, president tal-KIP. Kienu qalulu dwar id-default notices u kienu rrabjati għas-Sur Joe Borg dwarhom. Is-Sindku spjega li ma kienx jagħmilhom is-Sur Joe Borg għax dak huwa impjegat mal-Kunsill li huwa responsabbli biex jara li l-kuntratti ta’ l-indafa jkunu qed isiru kif suppost. Huwa spjega li d-default notices kien joħroġhom il-kunsill. Id-default notices kien jagħmilhom is-Sur Joe Borg u imbgħad jiffirmahom is-segretarju. Huma kienu qalu li s-Sur Joe Borg kien qed jibgħat id-default notices apposta għax filwaqt li qabel kienu jgħaddulu xi flus biex jagħlaq għajn waħda, issa li ma għadhomx jgħaddulu l-flus hu qed jibgħat default notices waħda wara l-oħra (fol 68). Hawn hekk is-sindku kien ġibdilhom l-attenzjoni dwar dak li qed jgħidu iżda huma reġgħu kkonfermaw kollox. Huma semmew persuna oħra, ex manager tal-KIP kif wkoll huma personali kienu għaddew xi flus lis-Sur Joe Borg. Fis-7 ta’ Mejju 2003, kienu marru jkellmuh żewġ membri tal-KIP. Huwa talab li jkun preżenti s-Sur Alfons biex ikun xhud ta’ dak li qed jintqal. Huma reġgħu rrepetew dak li qalulu qabel u allegaw li s-Sur Joe Borg kien qed jirċevi xi flus. Is-sindku kien qalilhom ċar u tond li s-Sur Alfons kien qiegħed hemm bħala xhud. Wara ħa pariri mingħand l-avukat Dr. Roslin Sammut illi dan ta parir lis-sindku jara r-reazzjoni tas-Sur Joe Borg dwar din l-akkuża.

Is-Sur Joe Borg ċaħad dan kollu u qal li mhux ta' min jagħti kashom u jemminhom. Qal li veru kienu offrewlu xi flus imma sabiex jgħinhom iqassmu x-xogħol (fol 69). Huwa qal illi tal-KIP li kien ħa kien biss grif fil-karozza tiegħu bħala vendikazzjoni. Kien kellem lis-Sur Armeni fid-Dipartiment tal-Kunsilli u dan kien qallu biex jimxu skond ir-regoli. Is-sindku informa lill-Ministru fuq dak li ġara u hawn hekk wera l-ittra li kien bagħat lill-Ministru.

Fit-1 ta' Ġunju 2003 saret laqgħa oħra. Kien hemm preżenti is-sindku, is-segretarju, is-Sur Jimmy Camilleri li kien il-kunisillier responsabbli dak iż-żmien, is-Sur Pawlu Cutajar, is-Sur Tony Zammit u kien hemm Dr. Ruth Scott li hija l-avukata tal-KIP.

Il-Koperattiva kienu talbu għal din il-laqgħa peress li kienu oġġezzjonaw għall-fatt li l-kunsill kien naqqas is-somma ta' Lm1225.62 mill-ħlasijiet dovuti lilhom. Ir-rappreżentanti fehmu li l-kunsill għandu raġun li ma jkunx sodisfatt bix-xogħol. Huma qalu li l-kawża ta' kollox kien is-Sur Joe Borg, persuna imqabbda mill-kunsill biex tissorvelja x-xogħol. Huma qalu li s-Sur Joe Borg ried jitfa' dell ikrah fuq il-KIP. Dr. Ruth Scott kienet kkonfermat dan kollu li allegaw is-Sur Paul Cutajar u s-Sur Tony Zammit (ara fol 70) li kienu jgħaddu l-flus lis-Sur Joe Borg.

Mistoqsijin kemm kienu l-ammonti tal-flus mgħoddija huma wieġbu li l-ammonti kienu ta' Lm100 fix-xahar għal diversi xhur. Huma żiedu jgħidu wkoll li s-Sur Joe Borg kien avviċina xi ħadd ieħor tal-KIP fejn qalilhom li 'l quddiem flok jaħdmu mal-KIP jistgħu imorru jaħdmu ma kuntrattur ieħor għax il-kuntratt tal-knis kien skada u kienet ser toħroġ it-tender.

Fil-kontro ezami is-sindku baqa' jgħid li dak li hemm miktub jikkonfermah mill-bidu sa l-aħħar u n-noti li xehed minnhom x-xhud kienu esebiti .

<u>Xhieda ta' Alfons Anastasi</u>

Huwa kien segretarju eżekuttiv tal-Kunsill tal-Mosta. Dan kien muri xi dokumenti li qegħdin a fol 25 et. Hu qal li

dawn kien jaf bihom għax kien bagħthom is-sindku. Il-Qorti hawn staqsietu jekk kienx rahom u kien wieġeb li iva. Meta nqala' l-każ huwa kkuntattja lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u qalilhom bil-proċedura li għandhom jimxu biha. Huma kienu qalulu li kellu jikteb lill-Ministru u fil-fatt hekk kienu għamlu u kienu ngħataw parir li jressqu dawn lill-pulizija. Meta taw l-informazzjoni dwar l-allegazzjonijiet lill-membri tal-koperattiva, qalu li bdew jagħtu xi flus lil wieħed mill-impjegati tal-kunsill. Dan kien il-contracts manager Joe Borg. Għal hekk kienu ħadu dawn il-passi. Minn dawn in-nies tal-koperattiva li kien hemm fl-awla, ix-xhud ma għaraf lil ħadd (fol 75). Huwa qal illi kien qed jara lil Paul Cutajar u Tony Zammit u kien ilu ma jarahom xi tliet snin. Huwa kien rahom xi darbtejn jew tliet darbiet u kien rahom meta kienu allegaw fejn marru jkellmuh il-kunsill u kienu qalu li l-contracts manager tal-kunsill Joe Borg kien qed ikun iebes magħhom u qed ikun iebes magħhom għax qalu li ma għadhomx jagħtuh xi flus. Kienet is-semmiet is-somma ta' LM100 kull xahar. Hawn hekk il-prosekuzzjoni staqsietu 'Issa dawn il-flus għalfejn kienu jagħtuhomlu?' u x-xhud wieġeb 'Biex jiffavorixxi u ma jkunx iebes magħhom.' Huwa spjega li d-default notices li kien hemm mmarkati bħala Dok CM9 kienu joħorġu mill-kunsill għal nuqqasijiet ta' xogħol li jkun għamel il-kuntrattur.

Il-bniedem li kellu jissorvelja li dawn in-nuqqasijiet ma jsirux kien Joe Borg l-impjegat tal-kunsill. Quddiemu qatt ma ra lil ħadd jagħti flus lil Joe Borg (fol 78). Hawn hekk il-prosekuzzjoni staqsiet 'L-imputati kemm-il darba semmew dawn l-irregolaritajiet li kienu qed jagħmlu mas-Sur Joe Borg fil-presenza tiegħek.'

Ix-xhud wieġeb 'Darbtejn semmewh żgur.' Huwa qal li darba minnhom l-imputati kienu marru ma l-avukat tagħhom li hija Ruth Scott u dawn l-irregolaritajiet kienu ssemmew ukoll. Huwa kien sema' lil Paul Cutajar jgħid illi tah hu stess (fol 79) għalkemm wiċċu ma setgħax jiftakru għax kien ilu tliet snin li rah l-aħħar. Għall-mistoqsijiet fil-kontro eżami, huwa wieġeb li qatt ma kien preżenti meta allegatament għaddew xi flus lis-Sur Joe Borg. Dwar din l-informazzjoni huwa kien semma għaliex Paul Cutajar u

Tony Zammit fil-presenza tiegħu ‘smajthom jgħidu dak il-kliem u anke kien hemm l-avukat Dr. Scott.’

Xhud ieħor kien is-Sur Manuel Zahra li huwa rappreżentant tal-bord tal-koperattivi. Huwa qal li skond ir-records, il-bord tal-KIP kien magħmul minn Paul Cutajar, Joseph Debono, Anthony Zammit, Joseph Cassar u Paul Deguara. Dan kien l-aħħar kumitat li kellu l-koperattiva (fol 89). Mistoqsi jekk jgħarafhomx qal bejn wieħed u ieħor. Huwa qal li hemm xi 5000 membru ġieli jkunu fil-laqgħa ġenerali jaħseb li dawn huma huma (fol 90). Huwa kien jafhom minn wiċċhom li huma rappreżentanti tal-kumitat tat-tmexxija tal-KIP. U hawn hekk ippreżenta ir-records uffiċjali. L-aħħar ittra mibgħuta mill-koperattiva fejn jidhru l-imputati kienet il-15 ta’ Lulju 2003.

Fl-10 ta’ Jannar 2007 ttellgħet biex tixhed Dr. Ruth Scott u l-Qorti fakkritha li hija marbuta bis-sigriet professjonali. Ix-xhud wieġbet li taħt id-Data Protection u taħt is-sigriet professjonali, ma setgħetx tirrispondi għall-mistoqsija li għamillha l-prosekutur jekk kellhiex xi konnessjoni mal-KIP f’April 2003.

Il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-provi kienu magħluqa fl-10 ta’ Jannar 2007 a fol 97.

Xhieda difiża.

L-ewwel li xehed kien Anthony Zammit li qal li kellu żewġ ishma fil-koperattiva. Huwa kien resaq il-kunsill lokali tal-Mosta flimkien ma Paul Cutajar u ma Joseph Cassar darba biss (fol 110). Kienu marru jaraw ix-xogħol kif sejjer. Ix-xhud qal li x-xogħol kien miexi tajjeb. Għal ċertu perjodu il-kunsill kien kuntent u imbgħad f’temp qasir bdew ġejjin defaults bl-addoċċ. Huma kienu marru diversi drabi fuq ix-xogħol biex jaraw kif kien qed isir. Fil-fehma tagħhom kollox kien għaddej tajjeb. A fol 112, Anthony Zammit ċaħad li ta xi flus lill-persuni tal-kunsill meta qal ‘Lill-ebda wieħed.’ Lanqas kien ta xi rigal lil xi rappreżentant tal-kunsill. L-iktar li kien jasal kien li fil-

Milied jixtri xi drink, ħaġa normalissima pero mhux ma xi kunsill partikolari (fol 112). Huwa qal li qatt ma ra lil xi ħadd jgħaddi xi flus. L-unika ħaġa li kien għamel ix-xhud kien li ġibed l-attenzjoni tal-kumitat għala f'daqqa waħda kien inqaleb kollox.

Fil-kontro eżami huwa spjega li mhux ishma kellu imma kellu żewġ trakkijiet. U kien jissejjah biex jgħin fis-servizz ta' xogħol. Huwa spjega li kien għadu jaħdem mal-kunsill fil-jum li kien qed jixhed u kien jaf x'inhu jgħid bħala area manager. Dan għaliex jkollhom area manager għax trid titħallas management fee (fol 114). Meta kien mistoqsi jekk il-manager li kien qed isemmi għadux preżenti, huwa wieġeb li ma kienx hemm. Huwa qal li kien mal-kunsilli imma mhux mal-Mosta partikolari. Dwar il-Mosta, huwa qal li dejjem kienu ħadmu mhux hu, imma kull min kien fil-koperattiva (fol 115). Huwa spjega li l-area manager kien dak li jmur on site u jagħmel l-inspections u rapporti. Huwa ma kienx jaf x'kien jisimha din il-persuna. Huwa reġa qal li ma kienx jaf jekk dan kienx Joe Borg imma l-area manager huwa dak li jkun wara s-segretarju.

Fil-kontro eżami huwa kompla jgħid illi kien hemm laqgħa li kienu preżenti għaliha Paul Cutajar, Joe Cassar u Dr. Ruth Scott meta din saret mas-sindku u ma persuna oħra. Huma kienu ħassew li għandha ssir din il-laqgħa minħabba li kollox kien inbidel f'ġimgħa. Huwa kien qal lill-kumitat biex imorru l-kunsill ħalli jaraw x'kien ġara. Huwa reġa qal li qatt ma kien qal lil Joe Borg jieħu xi flus (fol 119).

Meta kien mistoqsi x'qal lis-sindku li kienu ħerġin id-default notices għax ma għadhomx iħallsu lil Joe Borg, ix-xhud wieġeb le 'Jiena kull ma għidtlu biss, ġbidtlu l-attenzjoni u għidtlu kif il-ġimgħa l-oħra u xahar sħiħ kollox sewwa u f'daqqa waħda ġejtni b'dan l-envelope sħiħ?' (fol 119). Il-Qorti hawn hekk staqsiet lix-xhud jekk kienx sema' ċertu kliem jingħad u hu wieġeb 'No.' Mistoqsi jekk f'xi festi kienux jagħti xi rigali bħal xi flixkun whisky, huwa qal li iva (fol 120). Dan kienu jgħadduh lis-segretarju tagħhom. Dwar l-enforcement officer, huwa qal li hu qatt ma tahom. Dawn kienu jinbidlu għax kienu jkunu taħt

tender u mhux uffiċjali tal-kunsill. Hu qal li ma kienx jaf jekk kienux għaddew xi flus. Mistoqsi dwar rigali lil Joe Borg, huwa qal li ma jafx, le u bir-rigali ġieli mar bihom hu.

Xehed it-tieni imputat Joseph Cassar li kien il-President tal-Koperattiva Indafa pubblika. Huwa qal li inkwiet mal-Kunsill tal-Mosta ma kienx hemm iżda imbgħad ġew id-default notices f'daqqa. Ix-xhud wieġeb li hu ma kienx jaħdem fil-kunsill lokali tal-Mosta imma kien jieħu ħsieb in-nies u t-trakkijiet. Hu ma kienx imur inaddaf ġewwa l-Mosta. Meta kienu rċevew id-default notices kienu marru l-kunsill hu u tal-kumitat, jiġfieri flimkien ma Pawlu u Toni (fol 124) flimkien ma Dr. Ruth Scott. Huwa qal li kienu marru l-kunsill tal-Mota biex jaraw għala kienu ħarġu d-default notices. Ir-risposta kienet li l-contract manager kien jirraporta li s-servizz mhux ikun sewwa. Fil-fehma ta' dan ix-xhud, is-servizz kien tajjeb għax huma kienu jmorru jiċċekkjaw. Huwa qal illi kunsilli li ġieli jaħmu bihom, ġieli tawhom xi rigal fil-Milied. Mistoqsi jekk kienux jagħtu xi flus, ix-xhud wieġeb le. Huwa qal li qatt ma ta flus lil ħadd f'idejh. Kull ma kienu taw lil Joe Borg kien xi ħaġa zħira biex jieħu drink fi żmien il-Milied (fol 126). Din ġrat darba biss. Kien il-manager tal-Koperattiva li ta dawn il-flus pero bil-permess ta' dan ix-xhud u ta' sieħbu (fol 126). U reġa rrepeta li kien biss biex jieħu drink u bħala rigal u uża wkoll il-kelma 'donation'. L-ammont kien xi Lm50 jekk ma kienx sejjer żball, fol 127. Huwa qal li qatt ma kienu reġgħu taw dan ir-rigal.

Fil-kontro eżami, mistoqsi mill-prosekutur min kien il-manager jekk hux is-Sur Joe Borg, huwa qal li dan huwa il-manager tal-kunsill biex jara x-xogħol hux sewwa. Huwa magħruf ukoll bħala l-contract manager. Il-prosekuzzjoni staqsiet 'Dan li qed tirreferi għalih li tajtuh il-flus' u x-xhud qal 'Joe Borg. Il-manager tal-kunsill biex niftehmu hux.' (fol 127). Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk kienx sema' lis-Sur Demartino jixhed li 'inthom l-imputati kontu għidtulu li kontu tgħaddulu flus lis-Sur Joe Borg', ix-xhud wieġeb 'Le darba tajnieh biss.' Huma kienu tawh il-Lm50 għax kien wasal il-Christmas. Hawn hekk il-prosekuzzjoni ġibdet l-attenzjoni ta' l-imputat għal dak li kien qal waqt l-istqarrija tiegħu (ara fol 129). Ix-xhud

baqa’ jgħid li kienu tawhom bħala rigal. Il-prosekuzzjoni hawn hekk ġibdet l-attenzjoni tax-xhud li dak inhar kien qal mod ieħor. Ix-xhud wieġeb ‘Imma hu kien ġie jeqred quddiemna u imbgħad għidnilu ħa ħu drink bihom dawn’ (fol 129).

Il-Qorti staqsiet fuq xiex kien jeqred u x-xhud wieġeb ‘Fuq taparsi li n-nies mhux jikinsu u meta mmorru niċċekkjaw insibu x-xogħol sewwa u anke kien iċemplilna wara l-ħin. Il-kunsill qatt ma kien gergrilna mix-xogħol. Hu biss kien igerger mix-xogħol’ (fol 129).

Hawn hekk il-prosekuzzjoni fakkritu li fl-istqarrija kien qal ‘Il-flus kienu ngħataw biex jiffavorixxi l-operat tal-KIP sabiex jagħlaq għajn waħda u ma jibqax jibgħat default notices.’ Ix-xhud wieġeb ‘Imma dak għax aħna kif tajnieh il-LM50, jiena bla dik ta’ xejn għidtlu ħa forsi tagħlaq naqra ħalqek. Dan għamlu għax kien idejjqek il-ħin kollu. Kont tisma’ biss kunsill tal-Mosta fl-uffiċċju.’

Hawn hekk il-prosekuzzjoni ġibdet l-attenzjoni tax-xhud li a fol 46, fi tweġiba kien qal ‘Hekk kien il-ftehim, kellu jibda’ fil-bidu tax-xahar li ma nafx liema kien. Aħna tal-KIP biex insalvaw it-tender aċċettajna pero’ baqa’ kollox kif kien għax Joe Borg beża’ li Debono jirrapurtah lill-kunsill.’

Ix-xhud wieġeb ‘Għax dik kien ftiehem miegħu il-manager u kien ġie jgħidilna l-manager lilna u konna ltqajna kumitat mal-manager tagħna u għidnilu issa naraw minħabba Ġużi Debono. Imbgħad qamet qisha kwistjoni bejnietna u għidna le, ma noħorġux flus, jieħu ħsieb ix-xogħol tal-kumitat mhux il-contract manager tal-kunsill’ (fol 131).

Mistoqsi mill-avukat tiegħu stess fir-ri eżami dwar il-LM50 li kien semma fl-istqarrija tiegħu, ix-xhud kkonferma illi l-Lm50 ngħataw lil Joe Borg darba. U li dan sar għax kien wasal il-Christmas u tawhomlu bħala drink.

Xehed ukoll Paul Cutajar illi qal li ma kienx jaħdem personalment fil-kunsill lokali tal-Mosta għax kien f’Ta Sliema iżda l-koperattiva kellha ħaddiema li kienu jaħdmu hemm. Huwa qal li x-xogħol kien sejjer tajjeb u imbgħad

rċevew xi 700 default notices f'perjodu ta' xahar u ġimgħa. Ix-xhud qal li darba qabel ma kienu ntbgħatu d-default notices, kienu marru hemm hekk u tawh LM50. Imma dan kien qabel ħafna għax kien wasal il-Milied u kien biex jieħu drink. Imbgħad wara ċertu perjodu inqalgħet din il-kwistjoni kollha tad-default notices (fol 135). Lil Joe Borg darba biss tawh flus u l-flus kien tahomlu dan ix-xhud stess Paul Cutajar, (fol 136). Huwa kien tahom lill-manager u l-manager tahom lilu. Huwa kien preżenti għax kienu ftehmu li kellu jagħtihomlu l-manager. Sussegwentement Joseph Borg ma talabhomx flus. Huwa qatt ma ra lil ħaddieħor jgħaddilu flus.

Fil-kontro eżami, il-prosekuzzjoni rreferiet għal dak li kien qal fl-istatement u x'kien wieġeb l-imputat fejn qallu iva kellimtu fil-presenza ta' Anthony Zammit u Joseph Cassar lis-sindku tal-Mosta. Imbgħad il-prosekutur qallu 'Dawn it-tnejn min-nies huma l-istess imputati li qed tara hawn hekk?' (fol 137). U x-xhud wieġeb 'Iva' u kkonferma wkoll li magħhom kien hemm l-avukat Ruth Scott. Il-prosekuzzjoni a fol 138 reġgħet qrat silta mill-istqarrija ta' l-imputat qalet lix-xhud 'Issa llum il-ġurnata qed tgħidilna li dawk il-LM50 ħallasthom' u x-xhud wieġeb 'Bħala drink hux.' Ix-xhud baqa' jinsisti li l-Lm50 kienu tawhomlu qabel beda jibgħat id-default notices u imbgħad kien wara xi 3 xhur li beda jibgħat id-default notices. Baqa' jinsisti li dak li kien qed jgħid kien il-verita' għax kien qabel li tawhomlu l-flus. Hawn hekk il-prosekuzzjoni ġibdet l-attenzjoni li l-istqarrija saret fl-10 ta' Settembru u x-xhud qal illi kienu tawhom xi 6 xhur qabel saret l-istqarrija. Meta kien mistoqsi jekk kienx reġa kellem lil Borg, huwa qal li qatt ma kien kellmu lil Borg. U wieġeb ukoll li l-flus kien ħadhom bħala cash. Meta kien mistoqsi jekk lil ħaddieħor qattx għaddewlu xi flus bħala kumitat tal-KIP, ix-xhud wieġeb illi ġieli taw xi affarijiet.

Il-prosekuzzjoni staqsiet jekk kienux taw xi flus lil ħaddieħor biex jagħlaq għajnejh. Ix-xhud wieġeb illi huma qatt ma taw xi ħaġa biex jagħlaq għajnejh dak li jkun. Il-LM50 kienu tawhom minħabba l-festi għax qabel ma kienu tawhomlu ma kienx qed jibgħat id-defaults.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Aspetti Legali.**

L-artikolu 115 tal-Kap 9 jgħid hekk:

'Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħadd ieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom hwua ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati –

(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jonqos li jaħgmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, għall-fatt biss li jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa ħames snin;

Min-naħa l-oħra l-artikolu 120(1) jgħid hekk:

'Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 115, 116, 117, u 118, il-persuna li tikkorompi uffiċjal jew impjegat pubbliku jew membru tal-Kamra tad-Deputati jew persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija skond kull dispożizzjoni taħt dan il-Kodiċi, jew taħt kull liġi oħra, skond il-każ, titqies bħala kompliċi.

Skond l-insenjament tal-Professur Sir Anthony Mamo, l-elementi tar-reat fl-artikolu 115 huma:

'(a) The public character of the offender;
(b) The acceptance of a reward or promise or offer of a reward not due according to law;
(c) In connection with his office;
(d) The purpose to do or to fail in his duty.'[3]

Min-naħa l-oħra dwar r-reat ikkontemplat fl-artikolu 120(1), il-Professur Sir Anthony Mamo jikkummenta hekk:

[3] Notes on Criminal Law Part II paġina 85

‘Our Code in section 120 (qabel 118) expressly applies to the corrupter the rules of complicity. If the crime of corruption is, therefore, completed by the unholy compact of the public servant and the private person, the latter is liable to punishment whether the corruption has as its object the performance by the public officer of his duty or his failure in such duty.’[4]

**L-Ewwel Element**

Mill-atti jirriżulta l-ewwel element – jiġifieri li Joe Borg kien impjegat mal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Dan jidher mill-ittri li kienu kollha kkonfermati bil-ġurament u minn xhieda.

**Mill-Ittri**

(a) Mill-ittra mibgħuta mis-sur Joseph Demartino lill-Onorevoli Ministru Tonio Borg fl-20 ta’ Mejju 2003 fejn intqal:

“Dawn ir-rappreżentanti għal aktar minndarba allegaw li impjegat tal-Kunsill tagħna li hu repsonsabbli li jissorvelja ix-xogħol tagħhom, kien irċieva xi flus mingħandhom sabiex jiffavorixxi l-operat tagħhom.’

(b) Mill-ittra tat-2 ta’ Ġunju 2003 fejn insibu l-kliem:

‘Huwa żied jgħid li s-Sur Joe borg, l-impjegat tal-Kunsill tal-Mosta responsabbli fost l-oħrajn mill-indafa kien fil-passat irċieva xi flus sabiex jagħlaq għajn waħda’ (fol.27)

(ċ) Mill-ittra ta’ l-4 ta’ Ġunju 2003 mibgħuta lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali (fol.35) fejn insibu l-kliem:

‘Huwa żied jgħid li s-Sur Joe Borg, l-impjegat tal-Kunsill tal-Mosta, responsabbli fost l-oħrajn mill-indafa, kien fil-passat irċieva xi flus sabiex jagħlaq għajn waħda biex jiffavorixxi l-operat tagħhom;’

**Mix-xhieda**

[4] Notes on Criminal Law Part II paġina 88

Mix-xhieda li ta s-sur Joseph Demartino (ara fol.67) :

“Is-Sur Joe Borg huwa impjegat tal-Kunsill li huwa responsabbli biex jara l-kuntratti ta’ l-indafa li jkunu qed isiru kif suppost.’

**Mil-Liġi**

L-artikolu 92 tal-Kap 9 jagħti tifsira ta’ ‘Uffiċjal pubbliku’ mill-aktar wiesgħa u tikkomprendi fiha:

‘dawk il-persuni kollha li huma maħtura skond il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxi xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.’

Minn din id-definizzjoni jsegwi li l-impjegati tal-Kunsilli Lokali jaqgħu taħt din id-definizzjoni.

**It-tieni Element – l-aċċettazzjoni tal-flus.**

Dan l-element jissusisti wkoll. Il-provi huma:

(a) Ix-xhieda ta’ l-Ispettur Magri stess fejn huwa qal:

“Fil-fatt meta tkellimt l-aħħar magħhom il-bieraħ stess (lejlet li xehed jiġifieri fid-29 ta’ Jannar 2006), l-imputati qaluli li din kienet issir regolari, kienu jħallsu din il-miżata fix-xahar biex Joe Borg ma joħroġilhomx default notices’. (fol.22);

(b) Mill-ittra mibgħuta lill-Ministru Dr.Tonio Borg mis-Sur Joseph DeMartino:

‘Dawn ir-rappreżentanti għal aktar minn darba allegaw li impjegat tal-Kunsill tagħna li hu responsabbli li jissorvelja x-xogħol taħghom kien irċieva xi flus minn għandhom sabiex jiffavorixxi l-operat tagħhom.’

(ċ) Mill-ittra mibgħuta lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsill Lokali fejn insibu:

‘Wara ġew ikellmuni żewġ rappreżentanti ta’ l-istess Koperattiva. Is-Sur Pawlu Cutajr responsabbli miz-zona tal-Mosta u s-Sur Tony Zammit. Huma l-istess ilmentaw għall-fatt li kienu qegħdin jirċievu ħafna ‘Default Notices’. Jiena spejgajtilhom li l-Kunsill ma kienx soddisfatt bix-xogħol tagħhom u kellu ħafna lmenti mir-residenti…..

Huma qalu li Joe Borg kien qiegħed jibgħat id-Default Notices apposta għax filwaqt li qabel kienu tawh xi flus u għalaq għajn waħda, issa li m’għadhomx jagħtuh qiegħed jibgħat id-default notices waħda wara l-oħra.’ (fol.27)

(d) Mill-istqarrija ta’ Paul Cutajar fejn stqarr:

‘Iva jien darba tajtu Lm50. Miegħi kien hemm Joseph Cassar u Joseph Debono. Dan il-ħlas sar sabiex Joe Borg jibda jieħu ħsieb il-ħaddiema tagħna flok Joseph Debono u hu jħallina kwieti. Bid-default notices li għamlilna Joe Borg il-Kunsill tal-Mosta kein qatagħlna xi Lm1100 f’xahar wieħed biss. Għalhekk aħna ħallasnieh dawk il-Lm50 biex iħallina bil-kwiet.’ (fol.42)

U fil-paġna ta’ wara dan l-imputat stqarr li kien ħallas bi flus cash.

(e) Mix-xhieda tas-Sur Joseph Demartino fejn ikkonferma bil-ġurament li kienu marru jkellmuh Paul Cutajar u Tony Zammit li kienu rrabjat għas-sur Joe Borg li kien aħreġ ħafna default notices. (fol.67).

U a fol.68 insibu dan il-kliem:

‘Huma qalu li s-Sur Joe Borg kien qed jibgħat id-default notices apposta għax filwaqt li kienu jgħaddulu xi flus biex jagħlaq għajn waħda, issa li m’għadhomx jgħaddulu l-flus, hu qiegħed jibgħat default notices waħda wara l-oħra. Qalu li s-sur John Micallef, ex-Manager tal-KIP, kif ukoll huma personali kienu għaddew xi flus lis-Sur Joe Borg.’

Dawn il-persuni marru għal-laqgħa mas-Sindku li talab il-preżenza tas-sur Alfons bħala xhud ta' dak li kien ser jingħad. Huma għamlu l-istess allegazzjoni dwar il-flus li kienu ngħataw lis-sur Joseph Borg u dan minkejja li kien wissiehom li s-segretarju, is-Sur Alfons, kien qiegħed hemm bħala xhud.

Imbagħad fil-laqgħa tat-2 ta' Ġunju li għaliha kienu preżenti kemm Pawlu Cutajr kif ukoll Tony Zammit (flimkien ma' l-Avukat tagħhom) fejn qalu li x-xogħol ma kienx qed isir ħtija tas-sur Joseph Borg li kellu l-ħseib li jitfa dell ikrah fuq il-KIP. Kien ikkonfermat dak kollu li allegaw s-sur Paul Cutajar u s-Sur Zammit li kienu qed jagħtu flus lis-sur Joseph Borg. (fol 70). Huma kienu qalu li l-ammonti kienu ta' Lm100 fix-xhar għal diversi xhur.

A fol.71 is-sur Joseph Demartino kkonferma bil-ġurament dak kollu li kien hemm miktub fid-dokumenti li ppreżenta.

(f) Mix-xhieda ta' Paul Cutajar ( a fol. 135 u 136). Huwa qal li qabel ma ħarġu d-default notices – fi żmien il-Milied – kienu taw lil Joseph Borg Lm50. Huwa qal li kien tahom lill-Manager u l-Manager tahomlu. Huma kienu ftehmu li ser itihomlu l-Manager. Il-flus ingħataw cash. (fol.141).

(g) Mix-xhieda ta' Joe Cassar a fol. 129: 'Tajniehomlu bħala rigal.'

**It-Tielet Element**

It-tielet element 'in connection with his office' jeżisti mill-atti. Tassew li fix-xheida tagħhom tnejn mill-imputati nsistew li l-flus li kienu mgħoddija lis-sur Joseph Borg kienu intiżi bħala xi rigal ċkejken għall-Milied. Madankollu l-istqarrijiet ta' l-imputati juru xort'oħra. L-intenzjoni kienet biex dan l-impjegat iħallihom jaħdmu bil-kwiet. Fil-laqgħa li kellhom mas-Sindku, ma ssemmewx rigali tal-Milied iżda esprimew l-għadab tagħhom li l-Kunsill kien ħareġ salt default notices u għalhekk ingħataw il-ħamsin lira Maltija 'sabiex jagħlaq ħalqu'. (Ara fol.42 u fol 46 – żewġ stqarrijiet differenti magħmula minn Paul Cutajar u Joseph Cassar rispettivament). Mix-xhieda ( u mill-ittri)

tas-Sur Joseph Demartino jirriżulta wkoll li kien qed ikun ilmenti dwar kif kien qed isir ix-xogħol.

Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-flus ingħataw b'konnessjoni max-xogħol li kellu Joseph Borg.

**Ir-raba' element**

Dan l-element huwa sabiex l-uffiċjal inkarigat jagħmel jew ma jagħmilx dmiru. Il-Qorti qed tiddeċiedi li dan l-element jissusisti wkoll minħabba li l-għan ta' min ta l-flus kien sabiex Joseph Borg jagħlaq għajn waħda.

Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' Paul Cutajar u ta' Joseph Cassar iżda mhux fil-konfront ta' Anthony Zammit. Dwar is-sehem ta' Anthony Zammit f'dan ir-reat, il-Qorti qed tiddeċiedi li hemm dubju raġonevoli għax għalkemm meta x-xhieda tal-Prosekuzzjoni (l-Ispettur u s-sur Joseph Demartino) jitkellmu ġenerikament, huwa jidher bħala involut, huwa baqa' jsostni li ma kellu ebda sehem fl-għoti tal-flus. Dan jidher mill-istqarrija (li ttieħdet l-ewwel waħda fil-ħin, qabel ta' l-oħrajn) kif ukoll min kif xehed.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Din hija dwar kompliċita' f'dak li sar mill-uffiċjal inkarigat. (42(d)(e) u 112 tal-Kap 9). Dak li ingħad dwar l-ewwel imputazzjoni jgħodd għat-tieni imputazzjoni u, a skans ta' ripetizzjoni, qed issir referenza għal dak li jidher fil-paragrafi preċedenti. Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat din l-imputazzjoni wkoll fil-konfront ta' Paul Cutajar u Joseph Cassar biss iżda mhux fil-konfront ta' Anthony Zammit. Dwar dan ta' l-aħħar, ara r-raġuni mogħtija fil-paragrafu preċedenti. Għall-finijiet ta' ħtija din qed titqies assorbita fl-ewwel waħda ai termini ta' l-artikoli 17(h). Il-Liġi stess tipprovdi dwar il-kompliċita' ta' min iħallas il-flus lil xi persuna f'kariga pubblika għaliex fl-artikolu 120(1), tqis lil din il-persuna bħala kompliċi meta jsir reat taħt l-artikolu 115. L-istess kumment jagħmel l-Antolisei :

‘anche per il legislatore il fatto del privato costituisce una compartecipazione al fatto del funzionario.’[5]

Il-prova l-aktar ta’ min jorbot fuqha fil-konfront taż-żewġ imputati hiaj dik li ħallsu Lm50 (ħamsin lira Maltija). Madankollu r-reat xorta jkun sar. Fil-fatt il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-11 ta’ Diċembru 1997 fil-każ ‘Il-Pulizija versus Carmelo Sant’ qalet hekk:

***‘Għall-finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali, l-offerta t’a flus, żgħir kemm hu żgħir l-ammont, fiha dejjem il-potenzjalita’ tal-korruzzjoni, kemm-il darba tali offerta tkun saret bis-serjeta’ u cioe’ bil-ħsieb li dik l-offerta tiġi aċċettata l-offerta indipendement mill-fatt jekk in segwitu hu jagħmilx dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel jew jonqos milli jaħgmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel.’***

Il-Qorti, għalhekk, wara li rat l-artikoli 17(h), 42(d)(e), 112, 115(b), 120(1) tal-Kap 9 issib lill-imputati Paul Cutajar u Joseph Cassar ħatja taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrihom bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda waqt li qed tillibera lil Anthony Zammit minn kull imputazzjoni.

Il-Qorti wiżnet il-fedina penali ta’ Paul Cutajar u Joseph Cassar kif ukoll qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u għalhekk qed tiddeċiedi li flok tikkundanna lil dawn iż-żewġ imputati qed tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jagħmlu ebda reat għal żmien tliet snin mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputati fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[5] F.Antolisei: MAnuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina786.